PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2007/2023(INI)**

5.6.2007

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar l-immodernizzar tal-liġi dwar ix-xogħol biex taffaċċa l-isfidi tas-seklu 21 (2007/2023(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Donata Gottardi

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Jenfasizza l-bżonn li jiġu mfassla innovazzjonijiet soċjali, ekonomiċi u leġiżlattivi li jirrispettaw u jippromwovu l-*acquis* tal-Komunità - bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati kollha fuq l-bażi ta' ftehim kollettiv, hekk kif maħsub fuq il-livell istituzzjonali - u jikkunsidra li hemm bżonn li jinbidel il-mod ta' kif jiġi organizzat ix-xogħol u li ssir promozzjoni ta' kultura tax-xogħol ibbażata fuq il-fiduċja, id-dinjità, ir-responsabilità, is-sigurtà u l-flessibilità;

2. Jisħaq fuq l-importanza, għal raġunijiet soċjali u ekonomiċi, li aktar nies jersqu lejn l-impjieg; jenfasizza li r-rata għolja ta' qgħad fl-Ewropa llum iddgħajjef il-ġid u l-prosperità futura kif ukoll il-kompetittività Ewropea, u, fuq kollox, toħloq segregazzjoni soċjali u firda bejn nies li għandhom impjieg u dawk li m'għandhomx u, mingħajr dubju dawk ta' bla impjieg jisfaw iżolati, dipendenti u bi stima baxxa tagħhom infushom;

3. Jenfasizza li l-ekonomija Ewropea għandha bżonn aktar nies b'impjieg sabiex tkun tista' tikkompeti globalment u biex twettaq il-wegħdiet ta' sigurtà soċjali;

4. Jenfasizza li r-rata għolja tal-qgħad fl-Ewropa tindika falliment li jitlob azzjonijiet li permezz tagħhom il-persuni jkunu jistgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol aktar faċilment, tiżdied il-mobilità fis-suq tax-xogħol u tkun aktar faċli għall-individwi biex jibdlu l-impjieg mingħajr ma' jitilfu s-sigurtà;

5. Jitlob riformi li jżidu l-importanza li wieħed jibqa' fis-suq tax-xogħol, inaqqsu r-riskji tal-faqar u tas-segregazzjoni;

6. Ipoġġi l-objettiv tal-ħolqien ta' '*xogħol aktar u aħjar*', bil-għan li t-tkabbir u l-kompetittività jintużaw sabiex jittejbu l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol u jsegwu żvilupp li jirrispetta l-koeżjoni soċjali u s-sostenibilità fir-rigward tal-ġenerazzjonijiet futuri, tal-bidliet kaġun tal-globalizzazzjoni, ta' l-isfidi demografiċi, tat-teknoloġiji ġodda u ta' l-ekonomija tas-servizzi; jenfasizza li suq tax-xogħol effiċjenti huwa prekundizzjoni għall-kisba ta' dawn l-objettivi; jitlob il-ħolqien ta' ambjent flessibbli bħala prekundizzjoni għall-kisba tat-tkabbir u tal-kompetittività;

7. Jenfasizza l-importanza li tiġi ggarantita l-konsistenza bejn il-progress fil-qasam tal-liġi tax-xogħol li nkiseb bl-armonizzazzjoni ta' l-UE, permezz ta' direttivi u ftehim kollettiv u l-metodu ta' koordinazzjoni wiesgħa, b'attenzjoni partikolari għall-Istati Membri l-ġodda, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra d-differenzi kontinwi bejn is-swieq tax-xogħol nazzjonali bil-għan li ssaħħaħ il-proġett li toħloq Ewropa kompetittiva, innovattiva u inklużiva;

8. Jilqa' l-approċċ segwit fir-rigward tax-xogħol klandestin u x-xogħol mhux dikjarat li - anki jekk preżenti b'intensità differenti fl-Istati Membri individwali - jagħmel ħsara lis-sistema tal-produzzjoni, lill-konsumaturi, billi jikkomprometti d-dħul fiskali u joħloq

kompetizzjoni mhux leali bejn l-intrapriżi; jemmen li l-Unjoni Ewropea għandha rwol importanti xi twettaq fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-ħaddiema u f'li tiżgura li fl-Istati Membri kollha ċ-ċittadini Ewropej ma jiġux ddiskriminati fil-liġi tax-xogħol; jitlob l-infurzar ta' kontrolli bil-għan li jinkixef ix-xogħol mhux iddikjarat;

9. Jaqbel ma' l-istrateġija tal-Kummissjoni mmirata lejn il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' koordinazzjoni b'saħħitha bejn l-aġenziji ta' infurzar tal-gvern, l-ispettorati tax-xogħol, l-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali u l-awtoritajiet tat-taxxi u jitlob lill-Istati Membri biex jużaw metodi innovattivi bbażati fuq indikaturi u punti ta' riferenza speċifiċi għas-setturi differenti tan-negozju sabiex jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat u l-erożjoni fiskali;

10. Iqis neċessarju li jkun hemm kombinazzjoni ekwilibrata bejn il-flessibilità u sigurtà fir-rigward tal-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni ta' l-intrapriża u tal-ħaddiema u jinnota li kemm l-intrapriża kif ukoll il-ħaddiema għandhom bżonn flessibilità u sigurtà minn għand xulxin; itenni l-ħtieġa ta' flessibilità kemm fir-rigward ta' tip ta' xogħol kif ukoll fil-ħinijiet tax-xogħol u b'hekk jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-ħaddiema sabiex jaċċedu u jibqgħu fis-suq tax-xogħol; jindika l-bżonn li jiġi kkunsidrat is-suġġett tad-distribuzzjoni mill-ġdid ta' l-irwoli tal-konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali, familjari u personali; jikkunsidra li hemm bżonn li tingħata attenzjoni lix-xogħolijiet kollha, inkluż ix-xogħol ta' kura u dak volontarju;

11. Jenfasizza li l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol jistgħu jkunu mod aktar effiċjenti ta' kif jiġu mħarsa l-ħaddiema kontra r-riskju tas-suq tax-xogħol filwqat li sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-flessibilità u s-sigurtà, hemm bżonn ta' riżorsi adegwati - fir-rigward ta' ammont u żmien - għall-benefiċċju tal-qgħad u ta' l-operazzjoni simultanea ta' netwerk ta' interventi u faċilitajiet għat-taħriġ u ż-żamma tal-ħaddiema; jitlob lill-Istati Membri jwettqu miżuri u azzjonijiet speċifiċi biex jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet professjonali billi jagħqdu flimkien il-politiki attivi tax-xogħol u t-taħriġ tul il-ħajja u billi jippromwovu r-responsabilitajiet komuni bejn min jimpjega u l-impjegati fit-tqassim u d-distribuzzjoni mill-ġdid tar-riżorsi u ta' l-ispejjeż;

12. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-bżonn li jitfasslu metodi ta' kif jiġu adattati s-salvagwardji aktar milli jiġu estiżi jew jitnaqqsu, u jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tar-riskji marbutin mat-trasferiment tal-piżijiet fuq il-baġit pubbliku, u b'konsegwenzi possibbli fuq il-Patt ta' stabilità u t-tkabbir;

13. Jenfasizza li r-regoli tal-ħarsien ta' l-impjiegi u tal-politiki attvi dwar l-impjiegi għandu jkollhom il-għan li jtejbu l-prospettivi ta' impjieg għal dawk li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata sabiex javvanzaw fis-suq tax-xogħol bħalma huma ż-żgħażagħ, in-nisa u l-ħaddiema aktar anzjani;

14. Madankollu jinnota li diriġenti ta' intrapriżi żgħar jitkellmu dwar l-inflessibilità fir-regolamenti ta' l-impjiegi u jqisuha bħala ostaklu għat-tkabbir u għar-reklutaġġ ta' impjegati ġodda u li l-ispejjeż u d-diffikultajiet biex jitwaqqaf l-impjieg, b'raġuni ġustifikata, kultant iwasslu għal għotja ta' riferenzi mhux preċiżi lil min se jimpjega fil-futur jew inkella jinżammu impjegati mhux adattati u li dawn il-fatturi jista' jkollhom effett ekonomiku fuq il-kompetittività, li minħabba f'hekk issofri s-soċjetà kollha;

15. Ifakkar il-ħtieġa li jkun hemm politiki attivi dwar ix-xogħol, ibbażati fuq it-taħriġ tul il-ħajja kollha, u mhux biss fil-mumenti ta' kriżi ta' impjiegi, bil-konvinzjoni li l-impjiegar u l-addattabilità tal-ħaddiema toħloq sigurtà għall-intrapriżi u għall-ħaddiema stess u tikkostitwixxi l-qalba tal-kompetittività ta' sistema ekonomika bbażata fuq l-għarfien; jinnota li l-iżvilupp ta' abilitajiet u l-kisba ta' kwalifiki huma ta' vantaġġ għall-intrapriżi u għall-impjegati; jinnota li l-imsieħba soċjali għamlu dikjarazzjoni bħal din fil- 'Qafas ta' Azzjoni' ta' l-2006.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex tissodisfa l-isfidi tas-seklu 21 |
| **Numru tal-proċedura** | 2007/2023(INI) |
| **Kumitat responsabbli** | EMPL |
| **Kumitat mitlub jagħti opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>15.2.2007 |
| **Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Gottardi Donata<br>13.3.2007 |
| **Rapporteur preċedenti** | |
| **Eżami fil-kumitat** | 8.5.2007 4.6.2007 |
| **Data ta' l-adozzjoni** | 5.6.2007 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Albertini, Zsolt László Becsey, David Casa, Christian Ehler, Jonathan Evans, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Piia-Noora Kauppi, Astrid Lulling, Cristobal Montoro Romero, Joop Post, John Purvis, Alexander Radwan, Ivo Strejček, Pervenche Berès, Udo Bullmann, Ieke van den Burg, Donata Gottardi, Joseph Muscat, Dariusz Rosati, Antolín Sánchez Presedo, Manuel António dos Santos, Sharon Bowles, Sophia in 't Veld, Andrea Losco, Margarita Starkevičiūtė, Dariusz Maciej Grabowski, Guntars Krasts, Eoin Ryan, Heide Rühle, Sahra Wagenknecht, Cristian Stănescu. |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Ján Hudacký, Werner Langen, Maria Petre, Andreas Schwab, Katerina Batzeli, Harald Ettl, Gianni Pittella. |
| **Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | |
| **Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)** | |